# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 1733/99mm**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Calcedonio Micallef**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tliet mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm334.00) dovuta mill-konvenut lis-socjeta' attrici in kwantu ghas-somma ta' mitejn u erbgha u sittin lira Maltin (Lm264.00) bhala import ta' tmien kambjali debitament accettati u li d-data tal-maturita' taghhom skadiet, annessi u mmarkati Dokumenti 1,2, 3, 4, 5, 6, 7 u 8, in kwantu ghas-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut u in kwantu ghas-somma ta' ghoxrin lira Maltin

(Lm20.00) bhala imghaxijiet legali dovuti mill-konvenut sad-data tal-prezentata ta' l-avviz fuq l-istess ammonti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-14 ta' Novembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.